



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

RAPPORT FINANZJARJU KONSOLIDAT TA' L-EWROSISTEMA TAT-28 TA' JANNAR 2005

I. Partiti li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Fil-ġimgħa li ntemmet fit-28 ta' Jannar 2005, it-tnaqqis ta' EUR 51 miljun f'**deheb u ammonti riċevibbli f'deheb** (il-partita nru. 1 ta' l-attiv) irrifletta l-bejgħ ta' deheb li għamlu żewġ banek ċentrali ta' l-Ewrosistema (skond il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar id-Deheb tas-27 ta' Settembru 2004) u xiri ta' muniti tad-deheb minn bank ċentrali ieħor ta' l-Ewrosistema.

Il-pożizzjoni netta ta' l-Ewrosistema fi flus barranin (il-partiti nri. 2 u 3 ta' l-attiv barra mill-partiti nri. 7, 8 u 9 tal-passiv) naqset b'EUR 0.9 biljun għal 154.9 biljun minħabba transazzjonijiet tal-klijenti u tal-portafoll.

L-investimenti ta' l-Ewrosistema ta' **titoli negozjabbli tar-residenti taż-żona ta' l-euro u denominati f'euro** (partita 7 ta' l-attiv) żdiedu b'EUR 0.8 biljun għal-EUR 72.6 biljun. **Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (partita 1 tal-passiv) naqsu b'EUR 0.7 biljun għal EUR 486.1 biljun. **L-obbligazzjonijiet lejn l-amministrazzjoni pubblika** (partita 5.1 tal-passiv) naqsu b'EUR 0.1 biljun għal EUR 63.3 biljun.

II. Partiti li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Is-self nett ta' l-Ewrosistema lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (partita 5 ta' l-attiv nieqes il-partiti 2.2, 2.3, 2.4, 2.5 u 4 tal-passiv) naqas b'EUR 1.6 biljun għal EUR 352.9 biljun. Nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar 2005, immaturat **operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament** ta' EUR 279.5 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 273 biljun.

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Jannar 2005, immaturat **operazzjoni ta' rifinanzjament fuq żmien itwal** ta' EUR 25 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 30 biljun.

Ir-rikors kemm għall-**faċilità ta' self marġinali** (partita 5.5 ta' l-attiv) kif ukoll għall-**faċilità tad-depożitu** (partita 2.2 tal-passiv) kien prattikament xejn, bejn wiehied u ieħor l-istess bħall-ġimgħa ta' qabel.

III. Kontijiet kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro

B'riżultat tat-transazzjonijiet kollha, il-pożizzjoni tal-**kont kurrenti** ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Ewrosistema (partita 2.1 tal-passiv) naqset b'EUR 1.4 biljun għal EUR 139.6 biljun.

Bank Ċentrali Ewropew

Taqsimat Stampa u Informazzjoni

Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main

Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404

Website: <http://www.ecb.int>**Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonoxxuta din l-istqarrija.**



BANK ĊENTRALI EWROPEW

Rapport finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-ewrosistema tas- 28 ta' Jannar, 2005

(EUR miljuni)

Attiv	Bilanċ fis- 28 ta' Jannar, 2005	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- qabel mħabba t-	Passiv	Bilanċ fis- 28 ta' Jannar, 2005	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- mħabba t-
1 Deheb u krediti f'deheb	125,558	-51	1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni	486,121	-750
2 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija			2 Obbligazzjonijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro relatati ma l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'ewro		
2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI	23,672	-6	2.1 Kontijiet kurrenti		
2.2 Bilanċi mal-banek u titoli ta' nvestiment			(li jkopru s-sistema ta' riservi minimi	139,610	-1,438
Self barrani fiss u assi oħra barranin	130,730	-293	2.2 Faċilità ta' depożitu	46	3
Self barrani u assi oħra esterni	154,402	-299	2.3 Depożiti fissi	0	0
3 Talbiet dovuti minn residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija	17,615	518	2.4 Operazzjonijiet temporanji ta' <i>fine-tuning</i>	0	0
4 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro			2.5 Depożiti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	30	25
4.1 Bilanċi mal-banek, titoli ta' investiment u self fiss	6,698	-595	3 Obbligazzjonijiet oħra lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati	125	-7
4.2 Talbiet li jirrżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0	4 Ċertifikati ta' dejn maħruġa	0	0
	6,698	-595	5 Obbligazzjonijiet lill residenti oħra fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro		
5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro, relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja u li hu denominat f'ewro			5.1 L-amministrazzjoni pubblika	63,294	-115
5.1 Operazzjonijiet ewlenin ta' ri-finanzjament	272,999	-6,500	5.2 Obbligazzjonijiet oħra	6,519	-189
5.2 Operazzjonijiet ta' ri-finanzjament għal żmien itwal	79,999	4,999		69,813	-304
5.3 Operazzjonijiet temporanji ta' <i>fine-tuning</i>	0	0	6 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	8,321	13
5.4 <i>Reverse operations</i> ta' tip strutturali	0	0	7 Obbligazzjonijiet lil residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita barranija	203	-56
5.5 Faċilità ta' self marġinali	4	-23	8 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita		
5.6 Krediti relatati ma' sejħiet għal ħlas jew għid marġinali	3	-1	8.1 Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħra	11,337	1,215
	353,005	-1,525	8.2 Obbligazzjonijiet ġejjin mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0
6 Drittijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	3,553	42		11,337	1,215
7 Titoli ta' sigurtà ta' residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	72,601	760	9 Il-kontroparti ta' drittijiet ta' għid speċjali allokati mill-FMI	5,573	0
8 Dejn ġenerali ta' l-amministrazzjoni pubblika denominat f'ewro	41,319	0	10 Passiv ieħor	50,936	-88
9 Assi oħra	120,031	-236	11 Kont tar-rivalutazzjoni	64,842	0
			12 Kapitali u riżervi	57,825	1
Assi Totali	894,782	-1,386	Total tal-passiv	894,782	-1,386

Hu possibbli illi t-totali ma jikkorrispondux mas-somma tal-komponenti varji mħabba li s-somma ġiet miżjuda jew imnaqsa sa l-eqreb numru sħiħ